# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 640/97

Anthony Saliba

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 20 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Ottubru tas-sena 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax promozzjoni li kien kwalifikat ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Illi fis-sena 1962 ir-rikorrent dahal jahdem mal-Malta Gas Board bhala clerk grade II.

2. Illi fl-1 ta' Ottubru 1977, il-Malta Gas Board gie amalgamat mal-Enemalta u ghalhekk ir-rikorrent dahal jahdem mal-istess Korporazzjoni bl-istess grad.

3. Illi fl-1 ta' Jannar tas-sena 1979 hargu promozzjonijiet u r-rikorrent inghata l-promozzjoni ghal clerk grade 3.

4. Illi f'Ottubru tas-sena 1987, il-Kummissjoni ta' Investigazzjoni ta' Ingustizzji ordnat xi promozzjonijiet ghal Assistant Head of Sections, pero` ma giex ordnat l-istess ghar-rikorrent, minkejja l-fatt li kellu l-kwalifiki u s-seniority necessarji.

5. Illi effettivament dawk l-impjegati tal-Malta Gas Board li fl-istess zmien tar-rikorrent dahlu jahdmu mal-Enemalta bhala clerks grade II, illum kollha hadu promozzjoni ghal Assistant Heads barra r-rikorrent ghalkemm ghandu izjed seniority minnhom ilkoll.

6. Illi b' konsegwenza ta' dak kollu suespost, ir-rikorrent ircieva paga anqas minn dak li kien verament intitolat ghalih u issa li rtira fl-1 ta' Settembru, qed isofri l-effetti negattivi tal-promozzjoni li giet michuda lilu fil-pensjoni mensili li jircievi.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jinghata r-rimedju f' li jinghata l-promozzjoni sa minn dik id-data li kien verament jikkwalifika ghaliha, bil-konsegwenti aggustament fil-pensjoni li jircievi, u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat kumpens ta' mhux aktar minn Lm5,000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepixxa:-

Illi mid-dokumenti li ghandha ghad-dispozizzjoni taghha l-Korporazzjoni Enemalta jidher li ma saret l-ebda ingustizzja mas-Sur Saliba stante li l-persuni ndikati mis-Sur Saliba hadu l-promozzjonijiet taghhom fuq rakkomandazzjoni ta' Bord ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzja li kien investiga l-ilment taghhom.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. F'Ottubru 1987 il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tat promozzjoni lil diversi persuni ghal Assistant Head of Sections, meta dawn kellhom anqas seniority mir-rikorrent fil-grade jew ta' grad anqas. Dawn il-persuni bdew igawdu minn paga oghla minn tieghu u nghatat lilhom somma ta' eluf ta' liri bhala arretrati. Gregory, Schembri u anke Mallia kienu jahdmu fil-B' Bugia Gas Bottling Plant ghal zmien twil meta hu kien inkarigat minn din is-Sezzjoni tat-Tqassim ta' Cilindri tal-Gass. Zied li dawn il-persuni kollha hadu l-appointment ghall-grad ta' Clerk II warajh. Hu irtira meta kien jokkupa l-grad ta' Clerk IV illum maghruf bhala Principal.

In kontro ezami xehed li fl-1988 ma kienx applika meta giet mahtura kummissjoni biex tinvestiga allegazzjonijiet ta' ingustizzji fir-rigward ta' promozzjonijiet u r-raguni hi li ma kienx jaf bl-ebda ingustizzja dak in-nhar izda sar jaf wara.

Joe Mangion Principal mal-Korporazzjoni xehed li seta japplika quddiem il-Kummissjoni li tinvestiga l-ingustizzji kull min hassu li

kien sofra ingustizzja fl-amministrazzjoni ta' qabel l-1987. Ic-cirkulari li avzat li giet mahluqa l-Kummissjoni fl-1987 kienet intbaghatet lil kull individwu li kien jahdem fil-Korporazzjoni. Is-sur Faure` kien ha l-kariga ta' Assistant Head. Zied li "Fir-rigward ta' dawk il-persuni li semma r-rikorrent fl-ewwel pagna tal-affidavit tieghu li huma Gregory, Gauci u Schembri kif ukoll iehor li mhuwiex inkluz hemmhekk certu Joe Mallia nghid li dawn kienu lmentaw mill-fatt li s-sur Faure` kien gie appuntat fin-1987 u qabizhom… Nghid fir-rigward ta' Ms. Ethel Mallia nghid li din kienet inghatat ukoll il-promozzjoni ghall-Assistant Head izda hija ma kenitx applikat ghall-Kummissjoni… Emanuel Faure kien jahdem il-General Stores. Nghid li Joseph Mallia kien jahdem fil-Gas Division. Louis Gauci kien jahdem fl-Accounts Gas. Ethel Mallia kien jahdem fl-Accounts Gas ukoll u Paul Schembri u Walter Gregory kienu jahdmu l-wages il-Marsa."

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ilmenta mill-fatt li wara li fl-1987 xi whud minn nies l-ohra li jahdmu mal-Korporazzjoni Enemalta hadu l-promozzjoni wara rakkomandazzjoni favorevoli tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji waqt li hu ma ha ebda promozzjoni u li xi whud minn dawn kienu tahtu. Hu stess stqarr li hu ma kien ghamel ebda applikazzjoni ghal xi promozzjoni.

Jinghad illi r-rikorrent bhal shabu fuq ix-xoghol kellu kull fakulta` li japplika u li l-kaz tieghu jigi nvestigat kif sar tal-ohrajn. Li kieku t-

Tribunal kellu jilqa' l-argument tieghu jwassal biex dak kollu li ddecidiet il-Kummissjoni u sussegwentement dan it-Tribunal dwar Investigazzjoni ta' Ingustizzji johloq cirku vizzjuz fejn dak kollu li gie rakkomandat minnhom seta' johloq numru ta' kazijiet ohra. Dan certament ma jistax jigi accettat u ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.